KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

**Minuti tal-Laqgħa Nru 13 tas-Sitt (06) Kunsill Lokali tal-Mosta li nżammet fl-Uffiċċini Amministrattivi tal-istess Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 27 ta' Settembru 2012 fis-7.30 ta' filgħaxija.**

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | **Ħin Dħul** | **Ħin Ħruġ** |
|---|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia (Sindku) | 7.30p.m. | 10.00p.m. |
| Is-Sur Joseph De Martino (Viċi-Sindku) | 7.20p.m. | 10.00p.m. |
| Il-Kunsillier Alexander Muscat | 7.30p.m. | 10.00p.m. |
| Il-Kunsillier Abraham Bezzina | 8.00p.m. | 10.00p.m. |
| Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua | 7.30p.m. | 9.00p.m. |
| Il-Kunsillier Mario Sammut | 8.15p.m. | 10.00p.m. |
| Il-Kunsillier Kirby Fenech | 7.20p.m. | 9.45p.m. |
| Il-Kunsillier James Cassar | 7.40p.m. | 10.00p.m. |
| Il-Kunsillier Keith Cassar | 7.37p.m. | 10.00p.m. |
| Il-Kunsillier David Meilak | 7.30p.m. | 10.00p.m. |
| Il-Kunsillier Marthese Mifsud | 8.00p.m. | 10.00p.m. |

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

Il-Laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija b'dawk il-Kunsilliera preżenti.

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia mexxiet il-laqgħa.

**1.00 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru.12 li saret nhar il-Ħamis, 6 ta' Settembru 2012.**

Il-minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati b'din il-korrezzjoni:

1.01 F'item 6.03 żdiedet sentenza fl-aħħar ta l-ewwel paragrafu: **"Il-persuni nominati kienu 9 li huma: Charlie Schembri, Joe Quattromani, Mosta Youth Empowerment, Kor Shalom, Alfred C. Sant, Għaqda ta' l-Armar, Lorenzo Attard, Joe Gatt, u Peter Borg."**

1.02 Dwar item 1.02 - Il-Kunsillier Dott. Rachel Tua qalet li l-korrezzjoni li saret ma kienetx korretta għaliex hija kienet qalet li hija kienet ġabet voti u forsi aktar min ħaddiehor u ma għandiex tiġi mkeċċija barra mill-laqgħa meta kienet qed taqbeż għal ex-handyman tal-

Kunsill. Hawn inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera Dott. Tua li meta saru l-korrezzjonijiet tal-minuti fil-laqgħa preċedenti hija kienet assenti u ma kienx permess li terġa issir korrezzjoni fuq korrezzjoniet tal-minuti li kienu diġa ġew approvati mil-Kunsill.

**2.00 Mozzjoni Mressqa.**

2.01 Il-Kunsillier Alex Muscat talab u ġie approvat li jressaq mozzjoni bit-titlu "Mozzjoni-Kunsill Trasparenti". Din il-mozzjoni kienet saret bil miktub u ġiet ippreżentata lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv fid-19 ta' Settembru, 2012 u mniżżla fir-reġistru tal-mozzjonijiet bin-numru 2/1212. Il-Mozzjoni kienet proponuta mill-Kunsillier Alex Muscat u ssekondata mill-Kunsilliera Brian Bezzina, Rachel Tua, Mario Sammut u Kirby Fenech. Kopja tal-Mozzjoni annessa ma dawn il-minuti.

Il-Kunsillier Alex Muscat tkellem dwar il-mozzjoni u spjega li l-iskop ta' din il-mozzjoni kien li l-Kunsill Lokali tal-Mosta japprova li jibda jsir *live streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill fuq l-internet u b'hekk jintbagħat messaġġ ta' *'openness'* u trasparenza u fl-istess ħin ir-residenti jkunu jistgħu jsegwu l-laqgħat tal-Kunsill mill-kumdita ta' darhom.

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien diġa' trasparenti u qrat lista sħiħa ta punti li juru dan bl-aktar mod ċar.(Lista annessa). Għalhekk hija qalet li ma tarax il-bżonn ta' aktar trasparenza. Hija qalet li l-Kunsill kien diġa miftuħ għal pubbliku. Il-*live streaming* jista' jwassal biex il-Kunsilliera jibdew *"play for the camera more than the substance"*. Hija qalet li għal dawn ir-raġunijiet hija ma kienetx taqbel mal-mozzjoni mressqa.

Dott. Rachel Tua qalet li bil-*live streaming,* l-anzjani jkunu jistgħu jsegwu l-laqgħat tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Joe Demartino staqsa xi jkun qed jiggwadanja l-Kunsill b'dan il-*live streaming*. Huwa qal li fil-passat riċenti kellna sindku li minn wara dahar il-Kunsill awtorizza *direct order* ta' €300,000, għamel *sleeping police-men* fit-toroq bl-addoċċ u bosta affarijiet oħra. Huwa qal li bil *camera* u bla *camera* xorta jistgħu jsiru abbużi. *Live streaming* ma jagħmilx differenza. Huwa ma kellu l-ebda diffikulta fejn tidħol it-trasparenza iżda l-*camera* ma tagħmilx differenza.

Dott. Tua qalet li jekk il-kelma "trasparenza" kienet qed iddejjaqhom allura ma tissemiex din il-kelma iżda tissemma l-kumdita għal-anzjani u persuni b'diżabilita u għal min hu marid.
Il-Kunsillier Alex Muscat talab li l-Kunsilliera ma jibżgħux jieħdu dan il-pass u japprovaw l-mozzjoni.

Is-Sindku talbet li jittieħed vot fuq il-mozzjoni. Il-Ħames Kunsilliera tal-Partit Laburista ivvutaw favur il-mozzjoni filwaqt li s-sitt Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista ivvutaw kontra l-mozzjoni. Il-mozzjoni ma għaddietx.

**3.00 Punti Mqajjma mill-Minuti Nru. 12 tas-6 ta' Settembru, 2012.**

Dwar item 2.01 – Il-Kunsilliera Kirby Fenech qalet li hija ma jkollhiex tant ħin tara l-*e-mails* li jintbagħtulha minħabba impenji ta' xogħol u qalet li fuq talba li saritilha għal appuntament mas-Sindku permezz tal-email hija, kienet irrispondiet permezz ta' sms fuq il-mobile tal-Kunsill. Hija qalet li dwar l-kontijiet pendenti hija kienet tħalli f'idejn l-iskrivana tal-Kunsill, Lorraine Zammit Tabone biex tara li ma jinqabiżx il-budget allokat għal Mosta Dome Festival. Hija qalet li hija kienet lesta tiltaqa mas-Sindku u mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv sabiex jiġi diskuss d-deficit li kien hemm.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx ġust li Kunsillier li jorganizza attivita jitfa r-responsabilita fuq skrivani tal-Kunsill meta dawn ma kellhom l-ebda kontroll fuq x'kienu qed jordnaw l-Kunsillier. Huwa qal li kien ikun aktar ġust kieku l-Kunsillier Fenech waħħlet fl-Aġent Segretarju Eżekuttiv ta' dak iż-żmien meta kien hu li awtorizza il-*purchase orders.* Huwa fakkar li din ma kienetx l-ewwel darba li inġibdet l-attenzjoni (anke mid-Dipartiment tal-Kunsilli) li l-Kunsillier Fenech nefqet ferm aktar mill-*budget* allokat għal din l-attivita.

Dwar *item* 2.02 – Ġie iċċarat li l-Perit tal-Kunsill għandu jagħmel stimi tat-toroq Dawr u Strinġell bir-rati kurrenti.

**3.00 Materji Finanzjarji.**

3.01 Ġew ippreżentati u approvati unanimament kif ippreżentati listi ta' pagamenti, ordnijiet ta' xogħol, u introjtu ta' finanzi. Listi annessi.

**4.00 Korrispondenza.**

Ġiet ippreżentata lista ta' 8 *items* ta' korrispondenza għal-konsiderazjoni tal-Kunsill kif jidher fil-lista annessa. Id-deċiżjonijiet ukoll jinstabu fil-lista annessa.

4.01 Dwar Korrispondenza Nru 7 – e-mail mingħand is-Sur Pio Farrugia mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill ġie mitlub jieħu parir dwar xogħol li sar fi Triq u Pjazza Tabib Chetcuti mingħand *road engineer* privat u indipendenti. Ma ittieħdet l-ebda deċiżjoni dwar dan mill-Kunsill.

4.02 Il-Kunsillier Alex Muscat qal li kellu komunikazjoni dwar għargħar li Triq l-Awrora fejn qed issir ħsara lir-residenti minħabba ilmijiet li jidħol fid-djar tagħhom meta tagħmel x-xita. Il-Kunsill iddeċieda li ssir laqgħa fuq il-post mal-perit tal-Kunsill u jkunu preżenti l-Kunsillier Muscat u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

4.03 Il-Kunsillier Alex Muscat semma wkoll r-rapporti li kienu jgħidu li kien ser jiġi ipprivatizzat il-parkeġġ ta' Pjazza Rotunda. Huwa qal li dan jista jaffetwa l-pjan li l-Kunsill għandu propost għal din iż-żona.

MRRA.

Is-Sindku Dott. Shirley Farrugia qalet li għandha issir laqgħa dwar dan ma ~~Transport Malta~~ u tintalab konsultazzjoni bi protezjoni għar-residenti tal-Mosta.

**5.00** F'dan l-istadju intalab u ġie approvat li ssir *item* numru 7 ta l-Aġenda – **Diskussjoni minn Martin Chetcuti fuq Artistic Dialogue Project iffinanzjat minn Premju tal-President għall-Kreattivita.**

5.01 Saret sospensjoni tal-laqgħa sabiex is-Sur Martin Chetcuti jkun jista jagħmel preżentazjoni tal-proġett. Tqassmu dokumenti li juru fid-dettall il-programm ta' din l-inizjattiva u l-ispejjes li tinvolvi. Meta tkompliet il-laqgħa, il-Kunsill approva unanimament il-programm kif ippreżentat mis-Sur Chetcuti u ġie approvat Budget ta' €5,000 li jitħallsu mill-Iskema tal-President u €1,500 bħala kontribuzjoni tal-Kunsill għal dan il-proġett.

**6.00** ***Awarding of Tenders***

6.01 **Tender No. KLM1/12 –** ***Tender for the Construction of Dry Rubble Walls to be carried out at Wied Speranza, Mosta under Measure 323.***

Ġie approvat li dan it-Tender jingħata lill Terracore Ltd kif propost mill-Kumitat tal-Aġġudikazjoni ta' Tenders.

6.02 **Tender No. Klm 2/12 – *Cleaning of Wied Gananu, Mosta under Measure 323.***

Ġie approvat li dan it-Tender jingħata lill *Road Maintenance Services Ltd* kif propost mill-Kumitat tal-Aġġudikazjoni ta' Tenders.

6.03 **Tender No: KLM3/12- *Embellishment Works in Wied Gananu including Walkway, Lighting, Seating, Disposal Bins, Stairs and Sign Posting under Measure 313.***

Ġie approvat li dan it-Tender jingħata lill Attard Brothers Co.Ltd. kif propost mill-Kumitat tal-Aġġudikazjoni ta' Tenders.

6.04 **Tender No: KLM 4/2012 – *Website and Information Panel under Measure 313.***

Ġie approvat li dan it-Tender jingħata lill *Eagle Security System* kif propost mill-Kumitat tal-Aġġudikazjoni ta' Tenders.

6.05 **Tender No: KLM 5/2012 –*Service of Contracts Manager.***

Ġie deċiż li dan it-tender ma jingħatax qabel isiru aktar verifiki dwar l-applikanti. Dan għandu jerġa jiġi diskuss fil-Laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

6.06 **Tender No: 6/2012 – *Supply, Installation, Testing and Commissioning of an Additional Photovoltaic System for the Mosta Civic Centre* taħt l-iskema tad-DLG.**

Wara li l-Kunsill ra r-rakkomandazjoni tal-Kumitat tal-Aġġudikazjoni ta' Tenders, u wara li ġie ikkuntatjat l-Inġinier Mario Galea li kien responsabbli għal ħruġ u evalwazjoni ta' dan it-Tender, il-Kunsill iddeċieda li l-Inginier Galea jerġa jara l-possibilita li jsiru anqas pannelli bl-istess speċifikazjonijiet mitluba fit-Tender u jinżamm il-Budget ta' €5800 kif allokat taħt l-iskema tad-DLG. Il-Kumitat għandu jerġa jistudja l-parir tal-Inġinier u l-Kunsill jiddeċiedi dwar dan it-Tender fil-Laqgħa li jmiss.

**7.00 Ftehim – 5-A-Side tal-Lghajba Ground.**

7.01 Il-Kunsill talab lil- Aġent Segretarju Eżekuttiv jerġa jirreferi d-*Draft Agreement* lil-Avukat tal-Kunsill Dott. Joe Mifsud sabiex jagħmel emendi kif elenkati u ddettati mill-Kunsill. Dan il-Ftehim għandu jerġa jitla għal-approvazjoni tal-Kunsill fil-Laqgħa li jmiss. Il-Mosta FC għandhom jiġu infurmati li l-Kunsill lest jiffirma dan il-ftehim iżda qabel iridu jippreżentaw l-estimi finanzjarji lill-Kunsill.

**8.00 Affarijiet Oħra.**

Il-Viċi Sindku, Joe Demartino, talab u ġie approvat unanimament li terġa issir l-attivita ta' *Bird Show.* Ġie approvat budget ta' 1,000 Ewro għal din l-Attivita.

Il-Kunsillier Mario Sammut talab li jiġu iċċekjati tabelli tat-traffiku li hemm Triq il-Wied u Triq il-Kostituzzjoni li jindikaw *'no entry'* għal ġo Triq il-Wied.

Il-Kunsillier Keith Cassar staqsa dwar x'qed isir mill Green Wardens. Is-Sindku qalet li għadhom għaddejjin diskussjonijiet dwar dan.

**9.00 Għeluq tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa spiċċat fil- 10.00 ta' filgħaxija u aġġornat għal-Ħamis, 18 ta' Ottubru, 2012.

| | |
|---|---|
| Dott. Shirley Farrugia | John J. Camilleri |
| Sindku | Aġent Segretatju Eżekuttiv. |